# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar l-Erbgha 8 ta' Mejju 2019

**Rikors Numru : 44/2019 JPG**

**Kawza Numru : 28**

**SJL**

**vs**

**FB**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' SJL, datat 30 ta' Jannar 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi hija zzewget lill-intimat fil-wiehed u tletin (31) ta' Dicembru elfejn u erbatax (2014), liema zwieg gie debitament registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta, (kopja tac-Certifikat annessa bhala Dokument A);*

*Illi l-partijiet, ilhom separati de facto oltre erba' snin, u huma xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz kuntratt ta' separazzjoni konsenswali data tleta (3) ta' April elfejn u sbatax (2017), in atti tan-Nutar Dott. Anton Borg, liema kuntratt qieghed jigi anness u mmarkat bhala Dokument B;*

*Illi l-partijiet sussegwentement emendaw il-kuntratt ta' separazzjoni ai termini ta' att datat erbatax (14) ta' Jannar elfejn u dsatax (2019), hawn anness u mmarkat bhala Dokument C;*

*Illi l-partijiet minn dan iz-zwieg ma kellhomx ulied, u ma tezisti l-ebda pendenza*

*ta' manteniment bejniethom.*

*Illi r-rikorrenti taf li ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.*

*Illi ghaddew oltre erba' snin mid-data tas-separazzjoni bejn il-partijiet, u ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom.*

*Illi jikkonkoru il-kriterji kollha rikesti mil-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet. Ghaldaqstant r-rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara li z-zwieg taghha ma' FB hu mahlul, u li l-partijiet huma divorzjati ghal effetti kollha tal-ligi u biex jordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' FB, datata 22 ta' Frar 2019, a fol 17, li taqra hekk:

1. *Illi huwa jaqbel mat-talbiet maghmula mir-rikorrenti fir-rikors taghha datat 30 ta' Jannar, 2019.*

2. *Illi huwa ma ghandu l-ebda oggezzjoni ghal hall taz-zwieg;*

3. *Illi jaqbel ukoll mar-rikorrenti li ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni.*

4. *Illi fil-verita, il-partijiet qatt ma ghexu il-hajja matrimonjali u dan stante li wara z-zwieg taghhom qatt ma ghexu flimkien u wisq anqas ghexu l-hajja ta' mizzewgun b'dana illi l-kundizzjoni ta' erba' (4) snin ma tapplikax.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**SJL** xehdet illi l-partijiet izzewgu fil-31 ta' Dicembru 2014 u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fit-3 t'April 2017 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehdet illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal u li m'hemmx arretrati ta' manteniment. Qalet ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**FB** xehed u kkonferma u kkorobora ix-xhieda tar-rikorrenti.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti rat id-dispozizzjonijiet relevanti tal-Kodici Civili ghal kaz in ezami senjatament:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

Jirrizulta illi in segwitu taz-zwieg taghhom tal-31 ta' Dicembru 2014 (vide Dok A, a fol 3), il-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 3 ta' April 2017, fl-atti tan-Nutar Dottor Anton Borg, debitament awtorizzat mill-Qorti (vide Dok B, a fol 4 et seqq.) u rega gie emendat fl-14 ta' Jannar 2019 (vide Dok C, a fol 8 et seqq.), u li minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal;

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat inoltre illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin, u li ma hemm l-ebda tama ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**